MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 89/2006

Imnaria Ventures Limited
vs
MAPA Holdings Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Joseph Abela in rapprezentanza tas-socjeta` Imnaria Ventures Limited li bih espona:

1. Illi permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju, tas-sena 2002 fl-ismijiet '**Dr. Louis Cassar Pullicino noe vs Michael Zammit noe et'** (Citazz. Nru. 880/97GV), is-socjeta` rikorrenti kienet giet ikkundannata thallas is-somma ta' tnejn u erbghin elf dollaru Amerikan (US$42,000) ekwivalenti ghal sbatax-il elf, disa' mija u hames Liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm17,905.86) in solidum mas-socjeta` intimata, bl-

ispejjez gudizzjarji u bl-imghaxijiet mis-sittax (16) ta' Gunju 1995, kif kien jirrizulta mis-sentenza msemmija li kopja taghha giet annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dok. A;

2. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet hallset interament is-somma ta' sbatax-il elf, disa' mija u hames Liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm17,905.86), favur Dottor Louis Cassar Pullicino nomine in ezekuzzjoni tas-sentenza hawn fuq imsemmija, flimkien ma' l-ispejjez gudizzjarji u l-imghaxijiet fuq l-istess ammont mis-sittax (16) ta' Gunju 1995, u dan kif kien jirrizulta mid-dokument B anness mar-rikors;

3. Illi s-socjeta` intimata kienet debitrici tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' tmint elef disa' mija u tnejn u hamsin Lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm8,952.93), u cioe` nofs is-somma ta' sbatax-il elf, disa' mija u hames Liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm17,905.86) dovut in solidum mis-socjeta` rikorrenti u mis-socjeta` intimata skond is-sentenza hawn fuq imsemmija, u mhallsa mis-socjeta` rikorrenti kif fuq spjegat, oltre l-imghaxijiet legali fuq l-istess ammont mis-sittax (16) ta' Gunju 1995, u tliet kwarti ta' l-ispejjez gudizzjarji skond is-sentenza hawn fuq imsemmija;

4. Illi l-imsemmi ammont kien dejn cert, likwidu u dovut mis-socjeta` intimata lis-socjeta` rikorrenti u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti kienu jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili (Kap 12) sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma tal-istess socjeta` rikorrenti, is-socjeta` intimata ma kellha ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont;

5. Illi nonostante li s-socjeta` intimata kienet giet interpellata sabiex thallas l-imsemmi ammont, inkluz bl-ittra legali datata tnax (12) ta' Jannar 2006 (kopja annessa mar-rikors u mmarkata bhala Dok. C), hi kienet baqghet inadempjenti;

6. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet intavolat Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fil-konfront ta' l-istess socjeta` intimata kontestwalment mar-rikors guramentat;

7. Illi r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti kien jaf b'dawn il-fatti personalment;

8. Illii ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti joghgobha, dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

(1) tiddikjara lis-socjeta` intimata debitrici favur is-socjeta` rikorrenti fis-somma ta tmint elef, disa' mija u tnejn u hamsin Lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm8,952.93), oltre l-imghaxijiet legali mis-sittax (16) ta' Gunju 1995, u tliet kwarti ta' l-ispejjez gudizzjarji;

(2) tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' tmint elef, disa' mija u tnejn u hamsin Lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm8,952.93), oltre l-imghaxijiet legali mis-sittax (16) ta' Gunju 1995, u tliet kwarti ta' l-ispejjez gudizzjarji.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra legali datata tnax (12) ta' Jannar 2006, tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment mar-rikors guramentat, u bl-imghaxijiet b'effett mid-data tal-hlasijiet hawn fuq imsemmija sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` intimata li giet ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat id-digriet tas-6 ta' Marzu 2006 li permezz tieghu s-socjeta` intimata giet awtorizzata tipprezenta risposta.

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata li biha esponiet:

Li t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghha ghar-ragunijiet segwenti:-

1. Preliminarjament ir-rikors odjern kien null in kwantu ma kienx jissodisfa l-elementi kollha espressament mehtiega mil-ligi, u dan a tenur tal-artikoli 156 (7) u 789 (1) paragrafu (d) tal-Kap 12;

2. Fil-mertu s-sentenza li a bazi taghha kienet imsejsa din il-kawza ma kenitx ghadha valida, effikaci u ezegwibbli kontra s-socjeta` initmata, stante li s-socjeta` intimata kienet saldat id-debiti kollha taghha ma' Dott. Louis Cassar Pullicino nomine, sew dawk dovuti *di proprio,* kif ukoll dawk dovuti solidalment. Dan kien sar kontra rilaxx specifiku mis-solidarjeta` mas-socjeta` rikorrenti, bil-konsegwenza li l-istess Dott. Cassar Pullicino nomine kien irrinunzja ghall-effetti kollha tas-sentenza citata u kull pretensjoni emergenti mill-istess kontra s-socjeta` intimata. Ghalhekk is-sentenza fl-intier taghha ma kenietx baqghet valida, effikaci u ezegwibbli kontra s-socjeta` initmata, kif kien ser jigi spjegat fil-kors tal-kawza. Kien isegwi li s-socjeta` intimata ma kellha ebda obbligu tirrifondi flus li ma kienux dovuti, u kwindi l-anqas ma kien messhom thallsu;

3. Ukoll fil-mertu u riferibbilment ghat-talba ghall-hlas ta' tliet kwarti (3/4) ta' l-ispejjez gudizzjarji, din kienet bla bazi stante li, fl-ewwel lok is-socjeta` intimata kienet hallsithom, u fit-tieni lok talli spejjez ma kienux dovuti solidalment, tant li s-sentenza relativa kienet qassmithom. Ghalhekk anke kieku ghas-sahha tal-argument, dawn l-ispejjez kienu ghadhom ma thallsux, is-socjeta` rikorrenti ma kellha l-ebda obbligu thallashom ladarba ma kienux dovuti solidalment;

4. Is-socjeta` intimata ma kellhiex tbati l-ispejjez ta' din il-procedura, mhux tant ghaliex it-talbiet kienu infondati, izda ghaliex din il-kawza kienet evitabbli li kieku s-socjeta` rikorrenti kienet indenjat ruhha tikkomunika mas-socjeta` intimata u taghmel il-verifiki taghha. L-ispejjez derivanti

minn tali nuqqas, komprizi dawk ta’ din il-kawza, kienu unikament imputabbli lis-socjeta` rikorrenti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` intimata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat ir-rikors guramentat ta’ Joseph Abela ghan-nom tas-socjeta` rikorrenti, u d-dikjarazzjoni prezentata mis-socjeta` intimata.

Rat il-verbal tas-27 ta’ Gunju 2006 li permezz tieghu l-Qorti tat lis-socjeta` intimata sat-8 ta’ Awissu 2006 biex tippresenta nota tal-osservazzjonijiet bil-vista jew notifika tal-kontro-parti li jkollha sat-28 ta’ Settembru, 2006 ghal nota responsiva u li r-rikors gie differit ghas-sentenza ghal 21 ta’ Novembru, 2006 fuq l-eccezzjoni preliminari.

Ghalhekk jinkombi fuq il-Qorti li tiddeciedi jekk ir-rikors odjern huwiex null in kwantu ma jissodisfax l-elementi kollha espressament mehtiega mil-ligi, u dan a tenur tal--artikoli 156 (7) u 789 (1) paragrafu (d) tal-Kap 12.

Is-socjeta` intimata li ssolevat l-eccezzjoni preliminari baqghet ma pprezentatx nota ta’ osservazzjonijiet, izda tas-socjeta` rikorrenti tinstab a fol 52 sa 55 tal-process.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Il-Kap 12 – Art 156 (7) jghid hekk:

“(7) Ir-registratur ma ghandu jircievi ebda rikors guramentat li ma jissodisfax l-elementi tas-subartikolu (1) u l-qorti ma ghandha thalli lil ebda xhud jingieb sakemm dan ma jkollux ismu mnizzel flimkien mar-rikors.

Meta l-htiega ghall-produzzjoni ta' xhud tinqala' wara li jkun gie ipprezentat ir-rikors guramentat, jew meta parti kuntrarja taghti l-kunsens taghha bil-mod kif jinghad fl-artikolu 150(1)(c), jew jekk il-qorti jidhrilha li jkun fl-interess tal-gustizzja li tisma' lil xi xhud partikolari, il-qorti tista' thalli lil dak ix-xhud jinstama'."

Il-Kap 12 – Art 789 (1) (d) jghid hekk:
**"789.** (1) L-eccezzjoni ta' nullità ta' l-atti gudizzjarji tista' tinghata -
(*d*) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mil-ligi:

Izda dik l-eccezzjoni ta' nullità kif mahsuba fil-paragrafi (*a*), (c), u (*d*) ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi."

Issa l-intimat ma ddikjarax ghal xix qieghed preciz jirreferi bhala nullita`. Lanqas ma ipprezenta nota f'dan ir-rigward.

Fir-risposta guramentata taghha, is-socjeta` intimata sostnit illi r-rikors tas-socjeta` attrici "huwa null in kwantu ma jissodisfax l-elementi kollha espressament mehtiega mil-ligi"; pero` l-istess socjeta` intimata naqset milli tindika liema mill-elementi espressament mehtiega mil-ligi, fil-fehma taghha, m'humiex sodisfatti fir-rikors guramentat tas-socjeta` rikorrenti. Bl-istess mod li hi semmiet l-artikolu 789 (1) (d) u n-nullita` derivanti jwassal ghan-nullita` tal-istess eccezzzjoni minhabba li s-socjeta` intimata naqset li tispecifika ezatt fejn qedgha din in-nullita`.

L-artikolu l-iehor citat mis-socjeta` intimata huwa l-artikolu 156(7) tal-Kap 12. Dan l-artikolu fuq kwotat jirreferi ghall-artikolu 156 (1) tal-Kap 12. Dan jipprovdi hekk:
"(1) Ir-rikors guramentat ghandu jitlesta mill-attur u ghandu jkun fih –
(a) dikjarazzjoni li tfisser b'mod car u sewwa l-oggett tal-kawza f'paragrafi u numerati separatarnent, sabiex

isahhah it-talba tieghu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personament;
(b) ir-raguni tat-talba;
(c) it-talba jew it-talbiet li ghandhom ikunu enumerati; u
(d) f’kull rikors guramentat ghandu jkun hemm stampat b’ittri cari u precizi taht l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li gej:
“Min jircievi dan ir-rikors mahluf kontra tieghu ghandu jipprezenta r-risposta mahlufa tieghu fi zmien ghoxrin (20) jum mid-data tan-notfika, cioe` minn meta jirceviha. Jekk ma tigix ipprezentata r-risposta mahlufa bil-miktub kif trid il-ligi saz-zmien imsemmi, il-Qorti tghaddi biex tghati decizjoni skond il-ligi.
Ghalhekk huwa fl-interess ta’ min jircievi dan ir-rikors mahluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma ‘x’ghandu xi jghid fil-kawza.”

Fil-kaz odjern ir-rikors tlesta mir-rikorrent u kif jidher minn fol 1 u 2 hu guramentat. Fih dikjarazzjoni li tfisser l-oggett tal-kawza f’paragrafi u numerati separatarnent. Semma r-raguni tat-talba. Hemm ukoll talbiet enumerati. Hemm ukoll id-dikjarazzjoni mitluba. Ghalhekk ma hemm ebda nullita` ghax l-elementi rikjesti mill-artikolu 156(1) tal-Kap 12 jezistu fir-rikors. Ir-rikors guramentat fih dikjarazzjoni tad-direttur tas-socjeta` rikorrenti in rapprezentanza ta’ l-istess socjeta`, liema dikjarazzjoni hija maghmula f’paragrafi separati u numerati. Is-seba’ (7) paragrafu ta’ l-istess rikors guramentat jipprovdi wkoll, kif rikjest mill-ligi: ‘Illi r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti jaf b’dawn il-fatti personalment’.

Ghalhekk l-elementi rikjesti mill-Artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta huma sodisfatti.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni preliminari u tordna l-prosegwiment tal-kawza. Tiddifferixxi l-kawza a tenur tal-verbal odjern ghall-14 ta’ Jannar, 2007 fid-9.30 a.m. ghall-kontinwazzjoni tal-provi tas-socjeta` rikorrenti.

Spejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------